

Il-Ħames Ħadd tar-Randan

# Aħbar Tajba

Is 43, 16-21
Salm 125 (126), 1-2ab. 2ċd-3.4-5.6
Fil 3, 8-14
Ġw 8, 1-11

Billi dawk baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom:
**"Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla."**

Naħseb ġieli smajt lil xi ħadd jiċċajta u jgħid li meta tipponta sebgħek lejn xi ħadd ikollok tlieta oħra jħarsu lejk. Għalkemm kultant ma tantx noqogħdu naħsbu wisq imma fil-verità din in-naqra ta' ċajta tfisser ħafna għax ħadd minna ma jista' jgħid li qatt ma żbalja u propju dan hu l-messaġġ tal-Vanġelu tal-lum.

Ġieli smajtuha l-istorja. Il-kittieba u l-fariżej riedu jfixklu lil Ġesù u biex jagħmlu dan għamlulu nasba li ħasbu li minnha ma setax jaħrab. Ġabulu mara li nqabdet tiżbalja u skont il-Liġi din kellha tieħu kastig aħrax ħafna, il-mewt. Issa Ġesù kien dejjem jitkellem fuq il-ħniena u l-maħfra. X'kien se jagħmel? Kien se jħenn għaliha? Imma jekk iħenn għaliha u jeħlisha l-fariżej jakkużawh li ma kienx qed jobdi l-Liġi ta' Alla. Għax il-Liġi ta' Alla kienet importanti ħafna għall-poplu Lhudi, kienet prova li Alla għamel magħhom għeġubijiet. U għalkemm din il-Liġi matul iż-żmien bdiet issir aktar diffiċli għax il-kittieba bdew iżidu mal-liġijiet, il-poplu xorta kien iqishom importanti.

Hekk ħasbu li poġġew lil Ġesù dahru mal-ħajt. Jekk iħenn għall-mara jakkużawh li qed iwaqqa' l-Liġi tant għażiża għalihom, filwaqt li jekk jikkundannaha n-nies jitilfu l-fiduċja fih għax telaq il-messaġġ tiegħu tal-ħniena. Kienu ġa qed jgħodduha b'rebħa! Imma Ġesù tbaxxa jħażżeż mal-art u x'ħin reġa' qam qalilhom: "Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla". U ħalliehom bla kliem. Mhux lill-kittieba biss, lil kulħadd, anke lilna llum. Għax aħna, għalkemm tgħidx kemm ngħidu kontra l-fariżej u l-mexxejja l-oħra tal-poplu, aħna nagħmlu l-istess. Ma' kull okkażjoni li tiġina, biex ma jidhrux l-iżbalji tagħna, nippuntaw subgħajna u nibdew nikxfu l-iżbalji tal-oħrajn.

Min jaf kemm-il darba, waqt xi logħba jiżbalja xi ħadd u ninfexxu ngergru kontrih għax qed nitilfu filwaqt li fil-fond ta' qalbna nafu li m'għamilniex wisq aħjar. Imbagħad wara erħilna ngħidu ma sħabna li tort tiegħu li t-tim tilef u hekk qalbna toqgħod ftit kwieta mistrieħa fil-gidba li kollu tort ta' ħaddieħor.

Imma Ġesù mhux hekk jgħallem. Il-messaġġ ta' Ġesù hu eżatt bil-maqlub. Ħenn u aħfer lil min jiżbalja biex meta tkun fl-iżball issib ħniena u maħfra. Ejjew f'din is-sena tal-ħniena nipprattikaw din il-liġi ta' Ġesù tal-ħniena.

## Sib il-Kelma

Fost dawn l-ittri t'hawn taħt għandek issib moħbija ħmistax-il kelma marbuta mas-silta li qrajna llum. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib dan il-kliem mistur: **ĦTIJA, MARA, KITTIEBA, ĠESÙ, POPLU, DNUB, MAĦFRA, GĦERF, TIDNIBX, ĠEBLA, TEMPJU, TRAB.**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | Ċ | E | V | Ż | Ż | Ħ | Ġ | H | P |
| Ċ | M | Ħ | T | I | J | A | M | K | O |
| S | A | Ġ | E | S | Ù | F | W | I | P |
| R | R | S | S | A | D | T | D | O | L |
| T | A | D | O | K | T | E | F | J | U |
| U | N | N | W | S | R | M | Ġ | U | F |
| O | K | U | D | L | A | P | E | N | Ż |
| P | I | B | N | D | B | J | B | P | W |
| V | T | L | K | K | D | U | L | Q | IE |
| B | T | M | A | Ħ | F | R | A | Z | Ż |
| X | IE | GĦ | E | R | F | L | K | T | P |
| D | B | F | M | N | O | R | R | V | L |
| P | A | E | Ċ | Q | D | W | V | Ġ | W |
| L | E | F | T | I | D | N | I | B | X |



Billi dawk baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom:
**"Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla."**

## IL-ĠIMGĦA MQADDSA

**X'inhi l-Ġimgħa Mqaddsa?**
Hija ġimgħa speċjali li fiha naħsbu dwar dak li għadda minnu Ġesu' biex isalvana. Din tibda nhar il-Ħadd li ġej, Ħadd il-Palm, sal-Ħadd ta' wara meta niċċelebraw l-Għid il-Kbir. Għalhekk ser nagħtu ħarsa lejn it-tifsira ta' din il-Ġimgħa Mqaddsa.

**Ħadd il-Palm -** Ġesu` jiġi milqugħ minn ħafna nies ixejjru l-Palm u jgħidulu 'Sultan', imma l-istess nies ikkundannawh għall-mewt. Aħna kemm -il darba nġibu ruħna kif jaqblilna jew indawwru d-diskors u jbati xi ħadd ieħor minflokna?

**It-Tnejn, It-Tlieta, u l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa -** Ġesu` jipprepara lid-dixxipli tiegħu għal dak li kien ser jgħaddi minnu, u jurihom li xi ħadd minnhom stess (Ġuda) kien ser jittradih. Nagħmlu sforz biex jekk xi darba dħakna b'xi ħadd jew gdibna fuqu nitolbu maħfra.

**Ħamis ix-Xirka -** Jispiċċa r-Randan u jibdew it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid. Filgħodu ssir Quddiesa waħda li fiha l-Arċisqof ibierek iż-żjut li ser jintużaw għas-Sagramenti kollha matul din is-Sena. Filgħaxija ssir it-Tifkira tal-Aħħar Ikla li Ġesu` għamel mal-Appostli u li fiha ħaslilhom riġlejhom bħala sinjal ta' qadi u servizz. Illum nagħmlu sforz u nippruvaw inkunu ta' qadi u servizz fid-dar tagħna stess billi ngħinu lill-ġenituri fix-xogħol tad-dar.

**Il-Ġimgħa l-Kbira -** Niftakru fil-Jum li fih Ġesu` bata u miet għalina fuq is-Salib għax iħobbna. Illum huwa jum li fih insumu u nżommu s-skiet biex nirriflettu dwar it-tbatija ta' Ġesu`. Matul dan il-jum nippruvaw noffru l-għajnuna tagħna lil xi ħadd li nafu li qiegħed ibati minħabba l-mard u noffrulu li naqduh u ngħidulu li ser nitolbu għalih.

**Sibt il-Għid -** F'dan il-jum niftakru f'Ġesu` li huwa midfun f'qabar u mgħasses mis-suldati. Għal dawk li ma jemmnux, dan kien it-tmiem ta' Ġesu`, imma għalina l-insara dan huwa jum li jfakkarna li l-istennija tagħna ser twassalna biex nifirħu bil-Qawmien ta' Ġesu` mill-mewt. Illum nitolbu għal dawk li għaddejin minn sitwazzjoni diffiċli fil-ħajja u jaħsbu li kulħadd insiehom, u ngħidulhom biex jagħmlu kuraġġ għax kif Ġesu` rebaħ fuq il-mewt, anke aħna għad nirbħu fuq kull diffikulta` tal-ħajja jekk ngħixu kif jgħidilna Ġesu` u niprattikaw l-imħabba kif jissuġġerilna Hu.

**L-Għid il-Kbir**
Dan hu l-Jum li fih nifirħu bil-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet. Illum nifirħu għax is-sagrifiċċji kollha li għamilna matul l-40 Jum tar-Randan ma kinux sagrifiċċji li ma jiswew għalxejn imma biex ifakkruna li wara t-tbatija u s-sagrifiċċji tal-ħajja hemm il-ferħ u l-Qawmien li jfissru żmien sabiħ.


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**